# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 9**

**Rikors numru 809/13/2 AF**

**Rocco sive Ronnie Schembri u martu Helen Schembri għal kull interess li jista' jkollha**

**v.**

**C&F Building Contractors Limited (C15308)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mis-soċjetà konvenuta minn sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tas-26 ta' Ottubru, 2020 li permezz tagħha kkundannat lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-atturi s-somma ta' €46,735.64 ħlas pretiż mill-atturi għal servizzi professjonali ta' "quantity surveyor" prestati mill-attur lis-soċjetà konvenuta; filwaqt li ċaħdet it-

talbiet rikonvenzjonali tas-soċjetà konvenuta għal dikjarazzjoni li ma kinitx debitriċi tal-atturi u li l-atturi ġew indebitament imħallsa s-somma ta' €2,650.30.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tat-23 ta' Awwissu, 2013 ippreżentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (l-Ewwel Qorti) l-atturi Rocco *sive* Ronnie Schembri u martu Helen Schembri (l-Atturi) ippremettew:

> "Ir-rikorrenti Rocco sive Ronnie Schembri jezercita l-professjoni ta' quantity surveyor. Sa ftit xhur ilu, tul madwar dawn l-ahhar erbatax-il sena rrikorrenti Rocco sive Ronnie Schembri kien jippresta s-servizzi professjonali tieghu lill-kumpannija intimata.
>
> Ir-relazzjoni bejn il-kontendenti kienet tali illi kull tant zmien irrikorrenti kien iforni lill-kumpannija intimata rendikont taxxoghol maghmul minnu u din tal-ahhar thallsu akkont tal-istess rendikont. Il-ftehim bejn il-kontendenti kien illi r-rikorrenti kien jithallas abbazi ta' percentwali miftiehma bejniethom fuq il-fatturat tal-kumpannija intimata.
>
> Ir-rendikont mehmuz ma' dan ir-rikors, u mmarkat bhala Dok. "A" juri fil-fatt il-progetti kollha illi hadem fuqhom ir-rikorrenti, l-ammont fatturat mill-kumpannija intimata abbazi tal-kejl maghmul mir-rikorrenti u d-drittijiet dovuti lil dan tal-ahhar. Dan id-dokument juri wkoll il-hlasijiet kollha illi s-socjetà intimata wettqet a favur ir-rikorrenti. Jidher ukoll minn dan iddokument illi mis-somma globali ta' mitejn wiehed u disghin elf tlett mija wiehed u ghoxrin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (EUR 291,321.48), ir-rikorrenti thallas is-somma ta' mitejn erbgha u erbghin elf, hames mija hamsa u tmenin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (EUR 244,585.85).
>
> L-ahhar hlas a favur ir-rikorrenti Rocco sive Ronnie Schembri da parti tal-kumpannija intimata sar fl-20 ta' Frar 2013, bilbilanc dovut lilu, kif accettat mis-socjetà intimata, u eskluza kull taxxa, ikun dak ta' sitta u erbghin elf seba' mija hamsa u tletin Ewro u erbgha u sittin centezmu (EUR 46,735.64).
>
> F'dawn l-ahhar xhur il-kumpannija intimata, ghal ragunijiet ta' konvenjenza taghha, ma baqqhetx tirrikjedi s-servizzi professjonali tar-rikorrenti. Interpellata permezz ta' ittra legali tad-9 ta' Mejju 2013

(Dok. "B"), u permezz ta' ittra gudizzjarja tas-16 ta' Mejju 2013 (Dok. "C"), sabiex tissalda l-bilanc surriferit, il-kumpannija intimata baqghet inadempjenti.

Dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut; is-socjetà intimata ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti u ghaldaqstant il-kawza tista' tigi deciza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitlu 12 talLigijiet ta' Malta.

Rocco sive Ronnie Schembri, jaf personalment b'dawn il-fatti kollha. Ghar-ragunijiet premessi, kellhom jigu istitwiti dawn ilproceduri."

3. Għalhekk talbu lill-Ewwel Qorti:

"1. Taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna, ghar-ragunijiet premessi, lis-socjetà intimata sabiex thallas lir-rikorrenti s-somma ta' sitta u erbghin elf seba' mija hamsa u tletin Ewro u erba' u sittin centezmu (EUR 46,735.64), u dan flimkien mal-imghax dekoribbli fuq dan l-ammont mis-16 ta' Mejju 2013, data tal-ittra gudizzjarja.

Bl-imghax kif mitlub sad-data tal-effettiv pagament, u blispejjez, inkluzi dawk tal-ittra gudizzjarja datata 16 ta' Mejju 2013 u tal-mandat ta' sekwestru ntavolat kontestwalment ma' dan ir-rikors, kontra s-socjetà konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni."

4. F'seduta miżmuma fit-8 ta' Ottubru, 2013 l-Ewwel Qorti qieset li s-soċjetà konvenuta kellha eċċezzjonijiet xi tressaq u akkordatilha għoxrin jum għall-preżentata ta' risposta maħlufa.

5. <u>B'risposta maħlufa u Kontrotalba </u>ppreżentati fit-23 ta' Ottubru, 2013 is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti C & F Building Contractors Limited (il-Konvenuta) laqgħet għat-talbiet attriċi billi ressqet is-segwenti eċċezzjonijiet:

"L-ammont mitlub ma huwiex dovut mill-intimat, anzi huwa lattur li ghandu jhallas lill-intimat u ghalhekk qieghda tigi pprezentata l-kontrotalba annessa.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fi kwalsasi kaz it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante illi l-komputazzjoni tat-tariffi tar-rikorrent hekk kif minnu pretizi fid-Dokument "A" mehmuz u pprezentat mar-rikors guramentat (u hawn anness u mmarkat bhala Dokument "CF1") huwa skorrett u qieghed jigi kkontestat.

Tali skorrettezza tirrizulta mill-fatt illi minkejja li skond il-ligi u l-uzanza tas-sengha, it-tariffi ta' quantity surveyor, u cioè talprofessjoni ezercitata mir-rikorrent, jigu kalkolati bhala persentagg fuq il-vauri certifikati mill-klijent, ir-rikorrent qieghed jippretendi li l-istess tariffi ghandhom jinhadmu fuq ilvaluri kif certifikati minnu stess.

Fil-fatt jirrizulta li, meta t-tariffi tar-rikorrent jigu komputati skond il-ligi u l-uzanza tas-sengha (ara dokument hawn anness u mmarkat bhala Dokument "CF2"), mhux talli huwa thallas lammonti kollha dovuti lilu ghas-servizzi li huwa kien jippresta lis-socjetà esponenti, izda talli l-istess socjetà indebitament hallset is-somma ta' elfejn, sitt mija u hamsin Ewro u tletin centezmu (€2,650.30) in eccezz ta' dak li kien dovut. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz."

6. Permezz tal-kontrotalba minnha mressqa l-konvenuta ppremettiet u talbet kif isegwi:

"Is-socjetà esponenti kienet taghmel uzu mis-servizzi tarrikorrent rikonvenzjonat Rocco sive Ronnie Schembri filprofessjoni tiehu bhala quantity surveyor ghal diversi snin, tul liema snin huwa kien involut f'numru ta' diversi progetti.

Skond l-uzanza tas-sengha kif ukoll skond il-ligi, persuna li bhal attur tezercita l-professjoni ta' quantity surveyor, tithallas b'rata ta' persentagg komputata fuq il-valur tax-xogholijiet hekk kif certifikati mill-klijenti.

Fil-fatt fil-hlasijiet taghha lir-rikorrent rikonvenzjonat, issocjetà esponenti dejjem ikkomputat it-tariffi tal-istess attur skond il-valuri certifikati mill-klijent u dan kif jidher millimsemmi dokument hawn anness bhala Dokument "CF2".

Mill-istess rendikont anness bhala Dokument "CF2" jirrizulta bic-car illi mhux talli t-total komplessiv dovut lill-attur gie mhallas mis-socjetà esponenti, izda talli l-istess socjetà esponenti indebitament hallset l-ammont ta' elfejn, sitt mija u hamsin Ewro u tletin centezmu (€2,650.30) in eccess ta' dak li kien dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi ma hemm l-ebda kreditu dovut mis-socjetà esponenti favur ir-rikorrenti rikonvenzjonati.

2. Tiddikjara illi r-rikorrenti rikonvenzjonati gew indebitament imhallsa l-ammont ta' elfejn, sitt mija u hamsin Ewro u tletin centezmu (€2,650.30).

3. Konsegwentement tordna u tikkundanna lir-rikorrenti rikonvenzjonati jirrifondu l-ammont indebitament imhallas ta' elfejn, sitt mija u hamsin Ewro u tletin centezmu (€2,650.30) lis-socjetà esponenti.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra r-rikorrenti rikonvenzjonati minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

7. <u>B'sentenza tas-26 ta' Ottubru, 2020</u> l-Ewwel Qorti, għar-raġunijiet hemm mogħtija, ddeċidiet il-kawża u l-kontrotalba kif isegwi:

"1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba attriċi;

2. Tilqa' t-tieni talba tal-attur kif dedotta, bl-imgħax kif mitlub;

3. Tiċħad it-talbiet rikonvenzjonali tas-soċjetà intimata rikonvenzjonanti.

L-ispejjeż tal-kawża prinċipali kif ukoll tal-kontrotalba a karigu tas-soċjetà intimata."

8. Is-soċjetà konvenuta (minn issa 'l quddiem msejħa l-appellanti) ħassitha aggravata mis-sentenza tal-Ewwel Qorti u b'rikors tal-appell tas-16 ta' Novembru, 2020, għar-raġunijiet hemm mogħtija, interponiet appell minnha li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti "thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ta' nhar is-26 ta' Ottubru, 2020 fl-ismijiet premessi u tgħaddi għalhekk sabiex tiċħad it-talbiet kollha attriċi

u tilqa' t-talbiet rikonvenzjonali tas-soċjetà C&F Building Contractors Limited, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati."

9. B'risposta tas-7 ta' Diċembru, 2020 l-atturi (minn issa 'l quddiem imsejħa l-appellati), għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed jopponu għall-appell interpost mill-appellanti.

10. L-appell ġie appuntat għas-smigħ quddiem din il-Qorti diversament komposta sakemm ġie differit għas-6 ta' Frar, 2024 quddiem din il-Qorti kif issa komposta. Din il-Qorti semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet u ħalliet l-appell għas-sentenza.

**Ikkunsidrat;**

11. L-appellanti ressqet tliet aggravji li essenzjalment kollha jattakkaw is-sentenza appellata fuq l-aggravju li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi.

12. Permezz tal-ewwel aggravju l-appellanti tgħid illi l-appellati ma ppruvawx il-kreditu minnhom pretiż adegwatament. Tgħid illi *ai termini* tal-Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili il-piż tal-prova qiegħed fuq min jafferma l-fatt u mhux fuq min jinnegah u dan indipendentement mill-eċċezzjonijiet imressqa. L-appellanti ssostni illi l-

appellati jistrieħu fuq rendikont ippreparat minnhom stess li allegatament jelenka l-valuri tal-proġetti ċertifikati mill-klijent u li fuqhom l-appellat jibbaża t-tariffa tiegħu bħala perċentwali ta' dak l-istess valur. Tgħid illi l-kalkolu magħmul mill-appellat huwa skorrett għaliex fih xogħol li ma ġiex imkejjel minnu. Tgħid illi l-appellati ma ressqux bħala prova ċertifikati tax-xogħol li fuqhom qegħdin jibbażaw sabiex jipprovdu prova konklussiva tal-valur tax-xogħol allegat minnhom u li fuqhom finalment l-appellati jippretendu l-ħlas. Tinsisti illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat il-kreditu pretiż mill-appellati bħala ppruvat meta skont l-appellanti "il-prova mressqa ma kinitx prova adegwata u certament illi ma kinitx l-ahjar prova kif trid il-liġi. Ghalhekk it-talbiet attrici kellhom jigu michuda abbazi ta' nuqqas ta' prova sodisfacenti".

13. Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> l-appellanti tgħid illi l-Ewwel Qorti qieset ammont pretiż mill-appellati bħala dovut minkejja l-fatt li dak l-ammont jikkonsisti minn tariffi għal xogħol ta' kejl ta' skavar u azzar, li skont l-appellanti ma kellux jitħallas l-appellat għaliex ma kienx kejl li għamel hu. Tgħid li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat u dan għaliex skont l-appellanti t-tariffa ta' *quantity surveyor* min-natura tagħha hija 'measuring fee'. Tgħid illi t-tariffa ta' *quantity surveyor* tinħadem bħala perċentwali fuq "ix-xogħol imkejjel minnu, kif eventwalment certifikat mill-klijent." Tinsisti illi *quantity surveyor* ma jistax jippretendi li jieħu *measuring fee* ukoll fuq xogħol "imkejjel minn ħaddieħor" bħalma huwa x-

xogħol tal-azzar u tal-iskavar. Tinsisti wkoll illi l-appellat ma għamel l-ebda kejl fejn kien jikkonċerna l-iskavar u l-azzar u għalhekk tgħid illi l-appellat qed jippretendi ħlas għal kejl magħmul minn ħaddieħor u mhux minnu. Tgħid illi l-kejl tal-elementi tal-azzar isir mill-periti u mhux mill-*quantity surveyor* billi l-periti jgħaddu l-kejl relattiv lil *quantity surveyor tramite* dokument imsejjaħ *bending schedule*.

14. Tirreferi għax-xhieda tal-Perit Edward Magro minnha prodott fejn xehed illi huwa bħala l-perit tal-kuntrattur (l-appellanti) jingħata mill-perit tal-klijent tal-kuntrattur dokument b'informazzjoni li permezz tiegħu huwa jkun jista' joħroġ il-*bending schedule* li tikkonsisti "fl-ammont ta' ħadid li hemm bzonn, tulijiet u bil-piż tagħhom ukoll għax il-hadid jigi kalkulat bil-piż." Jgħaddi l-*bending schedule* lil *quantity surveyor*, l-appellat, sabiex jinserihom fir-rapport tiegħu. Ix-xhud qal illi "il-quantity surveyor jikkupjhom u johrog it-total bl-excel".

15. L-appellanti tirreferi mbagħad għax-xogħol ta' skavar u tgħid li anke hawn il-*quantity surveyor* ma jkejjilx ix-xogħol ta' skavar. Tirreferi mill-ġdid għax-xhieda tal-Perit Edward Magro fejn jgħid illi l-kejl ta' skavar isir minn *land surveyor* u mhux minn *quantity surveyor*. Huwa s-*survey* tal-*land surveyor* li jiġi mgħoddi lil *quantity surveyor* sabiex jinserixxi l-istess fir-rapport tiegħu.

16. Tgħid illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex tiskarta r-rapport redatt mill-Perit Magro fejn jelenka l-ammonti mitluba mill-appellat għal kejl li skont il-Perit Magro ma sarx mill-appellat. Tikkontesta dak li xehed l-appellat illi l-kontijiet dejjem ġew maqbula mal-klijent.

17. Permezz tat-tielet aggravju l-appellanti tgħid illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex tiċħad il-kontrotalba tagħha għall-istess raġunijiet imsemmija taħt il-kappa tat-tieni aggravju.

18. L-appellati jilqgħu għall-appell billi jibdew bis-sottomissjoni illi l-aggravji tal-appellanti huma lkoll attakk fuq l-apprezzament tal-fatt u tad-dritt magħmul mill-Ewwel Qorti. Jgħidu illi l-apprezzament tal-Qorti tal-ewwel grad m'għandux jiġi disturbat jekk mhux għal motivi gravi fejn l-apprezzament tal-Ewwel Qorti kien tant żbaljat li altrimenti tkun ser issir inġustizzja. Jiċċitaw ġurisprudenza in sostenn u jisħqu illi l-appellanti tonqos milli tiġġustifika l-aggravji tagħha mmirati sabiex din il-Qorti tat-tieni grad tagħmel reviżjoni tal-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-ewwel grad. Jirreferu għall-ġurisprudenza li żżomm illi meta ma tistax issir il-prova solita u meta jkun hemm ċirkostanzi partikolari u speċjali li jistgħu jispjegaw għaliex ma tistax issir, hu dmir tal-ġudikant li jirriċerka provi oħra li jissodisfawh. Ikomplu jżidu jgħidu illi skont il-liġi u l-ġurisprudenza fatt jista' jiġi ppruvat bil-mezzi kollha ammissibbli u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, kemm bi provi diretti, bħal dokumenti,

xhieda jew l-ammissjoni, kif ukoll bi provi ndiretti bħal ma huma l-preżunzjonijiet.

19. Jgħidu l-appellati illi l-appellanti ma tiġġustifikax għaliex din il-Qorti għandha tiddisturba l-apprezzament li għamlet l-Ewwel Qorti. Jispjegaw illi l-appellanti ma ressqet l-ebda prova għaliex għandu jsir it-tnaqqis minnha propost u kull ma ressqet hija lista ta' ammonti bl-ebda dokument in sostenn dwar dak li jidhrilha li għandu jitnaqqas.

20. Josservaw l-appellati illi kien biss issa li qed tilmenta mit-tariffi tal-appellat wara erbatax-il sena li t-tariffi ilhom jiġu kkalkolati bl-istess mod. Jgħidu illi l-objezzjoni l-appellanti qed tressaqha issa għaliex m'għadhomx jaħdmu flimkien. L-appellati jsostnu illi mhux minnu dak allegat mill-appellanti illi wara li l-*quantity surveyor* jingħata l-*bar bending schedules* huwa ma għandu jagħmel xejn ħlief li jikkupjahom. Skont l-appellati l-*bar bending schedules* hija gwida sabiex il-*quantity surveyor* jasal għar-riżultat finali. Jirreferu għal-letteratura fuq dan is-suġġett u jispjegaw illi l-*bar bending schedule*s u x-xogħol li jagħmel il-*quantity surveyor* fir-rigward ma humiex l-istess ħaġa. Jinsistu illi l-*bar bending shedule* "hija għodda biex isir il-kejl finali, u mhux il-kejl finali nnifsu!". Skont l-appellati, l-appellanti tonqos milli tispjega liema ammonti kellhom jitnaqqsu minħabba dawn il-*bending shedules*. Jagħmlu referenza għax-xhieda tal-appellat dwar ix-xogħol li hemm wara l-inkarigu tiegħu anke

meta tingħata l-*bending schedule*. Jgħidu illi anke l-Perit Magro fix-xhieda tiegħu tat-8 ta' Ġunju, 2016 ammetta illi l-appellat jaħdem fuq il-*bending schedules* li huwa kien jgħaddilu.

21. Finalment l-appellati jgħidu illi qabel ma bdiet tikkontesta l-kont mertu tal-kawża, l-appellanti stess kienet irrikonoxxiet u aċċettat il-kont tal-appellat mingħajr ebda kondizzjoni. Fir-rigward jirreferu għal tliet istanzi fejn rappreżentanti tal-appellanti (Frank Schembri, Johann Farrugia u l-Perit Magro) wara li rċeviet il-kont issa kkontestat kienu infurmaw lill-appellati illi l-ħlas kien ser isir.

**Ikkunsidrat**;

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**.

22. Huwa minnu kif jgħidu l-appellanti, illi l-appell odjern huwa kollu msejjes fuq kontestazzjoni tal-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti. Huwa minnu wkoll illi Qorti tat-tieni grad ma għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet il-Qorti tal-ewwel grad jekk mhux għal raġunijiet serji, gravi u impellenti. Mod ieħor, din il-Qorti għandha s-setgħa, u d-dover, li tiddisturba l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata jekk jirriżultaw ċirkostanzi eċċezzjonali, jew meta jintwera li dak l-apprezzament ikun wieħed

irraġjonevoli jew jekk jirriżulta illi l-apprezzament tal-fatti huwa kontradett mill-atti. Kif inżamm fis-sentenza **Antoine Spiteri v. Mario Vella et.** mogħtija minn din il-Qorti fil-15 ta' Novembru, 2023:

> "Għandu jingħad mal-ewwel li, sa fejn l-appellant jilmenta mill-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, tajjeb li jiġi mfakkar li, din il-Qorti bħala Qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax faċilment id-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti, sakemm ma tkunx manifestament żbaljata jew għax ikun hemm raġunijiet gravi biżżejjed, bil-konsegwenza li tkun ser titwettaq inġustizzja. Għalkemm din il-Qorti għandha tara u tifli l-valutazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti, m'għandhiex taqbad u twarrabha jekk ma jkunx hemm raġunijiet tabilħaqq serji biex tagħmel dan. Il-funzjoni ta' reviżjoni li trid tagħmel din il-Qorti ma twassalx bilfors biex twarrab id-diskrezzjoni tal-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti, bħallikieku ma sar xejn. Għall-kuntrarju, jekk jirriżulta li l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti huwa wieħed sostnut mill-provi li jinsabu fl-atti, u li l-konklużjonijiet tas-sentenza appellata jkunu s-sinteżi tar-raġunament mibni fuq dawk il-provi u t-tħaddim xieraq tal-liġi dwarhom, din il-Qorti ma twaqqax dik id-diskrezzjoni. (Ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Ottubru, 2023, fl-ismijiet **Citadel Insurance plc v. Shield Services Limited et** u l-ġabra ta' referenzi għas-sentenzi hemm magħmula)."

23. Illum huwa aċċettat li, fejn jidħol l-apprezzament tal-provi mwettaq minn qorti tal-ewwel istanza, "il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar

f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti"

(**Dr. Antoinette Cutajar v. l-Onor. Dr Joseph Muscat – Prim Ministru et.** – Qorti tal-Appell – 14 ta' Diċembru, 2018; ara wkoll **Stephen Tanti et. v. Louis Scerri Montalto et.** – Qorti tal-Appell – 8 ta' Ottubru, 2020).

24. L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni appellata wara li għamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

> "Jinkombi fuq min jallega l-eżistenza tal-kreditu li dan ikun fl-ewwel lok ipprovat a pjena sodisfazzjon u b'mod univoku u konvinċenti. Il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi kollha prodotti u b'applikazzjoni tal-prinċipji ġurisprudenzjali appena ċitati, hija tal-fehma li huwa l-attur li ressaq prova sodisfaċjenti biżżejjed sabiex jikkonvinċiha dwar l-eżistenza tal-kreditu vantat minnu.
>
> Il-Qorti tibda billi tindirizza l-eċċezzjonijiet tal-intimata, riflessi fil-premessi għall-kontrotalba tagħha, li jistgħu jinġabru f'difiża waħda. L-intimata qiegħda essenzjalment tgħid illi d-dritt tal-quantity surveyor jinħadem fuq il-volum tal-materjal ċertifikat u aċċettat mill-klijent, u mhux fuq dak li jkun iċċertifika l-quantity surveyor. L-attur jinsisti li l-ftehim dejjem kien illi d-dritt jinħadem skont l-ammont fatturat mill-intimata.
>
> Mill-provi rriżulta li sabiex jitkejjel ix-xogħol, l-attur kien jiltaqa' fuq is-sit mal-perit u/jew mal-quantity surveyor tal-klijent u dawn ikejlu flimkien, iqabblu l-figuri, u minn hemm l-attur iħejji l-kont u jibgħatu lill-perit tal-intimata. Bl-ebda mod ma ġie muri li hemm xi diskrepanza bejn il-kontijiet li kien jipprepara l-attur u dawk ċertifikati u aċċettati mill-klijenti tal-intimata. Fuq kollox, jekk l-intimata ma kinetx toqgħod fuq il-kejl li jieħu l-quantity surveyor tagħha, u minflok toħroġ kont abbażi tal-kejl stabbilit mill-perit jew quantity surveyor tal-klijent waħdu, mela allura, lill-attur kienet qiegħda tinkarigah bla htiega. Huwa naturali li f'xi waqtiet ikun hemm nuqqas ta' qbil bejn il-quantity surveyor tal-kuntrattur u dak tal-klijent, imma l-Qorti ttenni li l-intimata ma ġabet l-ebda prova tal-eżistenza ta' dawn il-kontijiet li dwarhom ma kienx hemm qbil.
>
> - Omissi -

Dwar ix-xogħol ta' skavar, ix-xhieda mressqa mill-intimata ma qalu kważi xejn sabiex jissostanzjaw l-argument tagħhom li dan ix-xogħol kien ikun kejlu land surveyor u mhux l-attur. In kontro eżami, il-Perit Magro fil-fatt xehed illi 'meta jkun estent limitat, il-kejl jittieħed mill-quanity surveyor u l-kalkoli jsiru minnu direttament.' Fid-dawl ta' din ix-xhieda, u fin-nuqqas ta' prova konklussiva li l-attur qiegħed jippretendi li jitħallas għal xogħol ta' kejl ta' skavar li ma għamilx hu, il-Qorti qiegħda tiċħad din il-parti tal-argument tal-intimata.

Jibqa' għalhekk il-kwistjoni tal-kejl ta' xogħol tal-azzar. Fil-qosor, il-kontestazzjoni bejn il-partijiet hija dwar jekk id-dokument magħruf bħala bar bending schedule li jsir mill-perit, jipprovdix lill-quantity surveyor bil-volum ta' azzar li jkun intuża, jew jekk dan id-dokument huwiex sempliċiment ta' għajnuna għall-quantity surveyor, li għalhekk xorta waħda jkollu joħroġ il-volum tal-azzar li jrid jiġi inkluż fil-kont. Il-bar bending schedule huwa dokument li jipprepara l-perit sabiex jiġi stabbilit il-partikolaritajiet kollha tal-azzar li jrid jintuża u kif kull biċċa għandha tidħol fl-elementi strutturali tal-bini.

Il-Qorti hija tal-fehma li hija l-verżjoni attriċi li għandha mis-sewwa, u kuntrarjament għal dak li xehed il-Perit Magro, il-bar bending schedule waħdu ma jipprovdix lill-quantity surveyor bl-informazzjoni kollha lesta, imma huwa dokument li jagħti informazzjoni dwar il-biċċiet ta' azzar li jkun intuża fl-istruttura tal-binja, biex imbagħad, il-quantity surveyor joħroġ il-kejl huwa abbażi ta' din l-informazzjoni. Isegwi għalhekk li l-attur għandu dritt jesiġi li jitħallas għall-kejl tal-azzar ukoll.

Finalment, il-Qorti tqis illi l-verżjoni tal-intimata tkompli titlef mill-kredibiltà tagħha fid-dawl tal-fatt mhux kontestat illi kien biss wara snin twal jaħdmu flimkien illi l-intimata allegat illi l-attur kien qiegħed jibbaża d-dritt tiegħu fuq ċifri ħżiena. Il-Qorti ssibha diffiċli temmen li l-intimata kienet ser iddum mal-erbatax-il sena u tistenna sakemm jiftaħ kawża sakemm tiġbidlu l-attenzjoni li d-dritt dovut ikkalkulah ħażin. Il-Qorti ma tistax tinjora lanqas l-e-mail tat-13 ta' April 2013 li bagħat Johann Farrugia, għan-nom tal-intimata, lill-attur, fejn ikkjarifika li d-diskors li l-attur kellu mal-perit kien fis-sens illi huwa kien ser jitħallas malli l-klijenti jħallsu lill-intimata."

25. Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti kollha tal-kawża u tgħid mill-ewwel illi dan l-appell huwa manifestament fieragħ u vessatorju.

26. Din il-Qorti mhux biss ma ssib xejn li jwassalha sabiex tiddisturba l-apprezzament li għamlet l-Ewwel Qorti, iżda tiddikjara wkoll li taqbel

mal-apprezzament tal-provi u mal-konsiderazzjonijiet kollha magħmula mill-Qorti tal-ewwel grad.

27. Ibda biex, l-appellanti li suppost qed tattakka l-apprezzament u l-konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti, ma ssemmi xejn dwar il-konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti illi il-kont pendenti tal-appellat inħadem skont sistema adoperata bejn il-partijiet mingħajr intoppi tul perijodu ta' erbatax-il sena. Ma tressaq l-ebda aggravju mill-appellanti f'dan ir-rigward bil-konsegwenza illi *una volta* tali konsiderazzjoni ma ġietx attakkata, din il-Qorti lanqas biss ġiet mitluba mill-appellanti u wisq anqas għandha tiddisturbaha. Appena huwa neċessarju jingħad illi appell huwa ċirkoskritt mill-aggravji mressqa formalment fir-rikors tal-appell.

28. Tenut kont illi meta l-appellat ġie ingaġġat mill-appellanti erbatax-il sena qabel ġiet intavolata l-kawża odjerna ma kienx sar ftehim bil-miktub u l-inkarigu lill-appellat sar verbalment, ġustament l-Ewwel Qorti kkonsidrat illi dak li seħħ mingħajr kontestazzjoni bejn il-partijiet tul il-kors ta' erbatax-il sena kellu valur probatorju notevoli dwar ix-xorta ta' ftehim li kien hemm bejn il-partijiet.

29. L-appellat jinsisti illi huwa dejjem ħareġ il-kontijiet tal-ħlas lilu dovut bl-istess mod kif ħareġ l-aħħar kontijiet u ċjoè illi t-tariffa tiegħu tiġi

kkalkolata fuq il-valur kollu tal-proġetti, inkluż il-valur tal-iskavar u l-valur tal-azzar.

30. Mill-atti jirriżulta illi l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet imressqa mill-appellanti u l-ebda waħda mill-premessi tal-kontrotalba mressqa minnha ma nsibu referenza li l-kont tal-appellat kien ħażin għaliex kien jinkludi tariffa kkalkolata fuq il-valur tal-iskavar u tal-azzar. Id-difiża tal-konvenuta għat-talbiet attriċi, kif tirriżulta mill-eċċezzjonijiet, kienet ċara: illi skontha d-drittijiet dovuti lill-attur ma kienux dawk maħduma fuq il-valuri ċertifikati mill-attur imma "kalkolati bhala percentagg fuq il-valuri certifikati mill-klijent". Din hija d-difiża u l-unika waħda mressqa mill-appellanti, replikata minnha bħala premessa għat-talbiet rikonvenzjonali tagħha. Huwa evidenti mill-atti illi tul il-kors tas-smigħ quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellanti abbandunat dik id-difiża u ħadnet oħra dwar il-kwistjoni tal-iskavar u l-azzar, li ma tikkombaċjax mal-eċċezzjoni minnha mressqa. Dan osservatu wkoll l-Ewwel Qorti tant li fil-konsiderazzjonijiet tagħha nsibu:

> "Mill-provi rriżulta li sabiex jitkejjel ix-xogħol, l-attur kien jiltaqa' fuq is-sit mal-perit u/jew mal-quantity surveyor tal-klijent u dawn ikejlu flimkien, iqabblu l-figuri, u minn hemm l-attur iħejji l-kont u jibgħatu lill-perit tal-intimata. Bl-ebda mod ma ġie muri li hemm xi diskrepanza bejn il-kontijiet li kien jipprepara l-attur u dawk ċertifikati u aċċettati mill-klijenti tal-intimata. Fuq kollox, jekk l-intimata ma kinetx toqgħod fuq il-kejl li jieħu l-quantity surveyor tagħha, u minflok toħroġ kont abbażi tal-kejl stabbilit mill-perit jew quantity surveyor tal-klijent waħdu, mela allura, lill-attur kienet qiegħda tinkarigah bla htiega. Huwa naturali li f'xi waqtiet ikun hemm nuqqas ta' qbil bejn il-quantity surveyor tal-kuntrattur u dak tal-klijent, imma l-Qorti ttenni li l-intimata ma ġabet l-ebda prova tal-eżistenza ta' dawn il-kontijiet li dwarhom ma kienx hemm qbil.

> Fil-fatt, mill-provi mressqa mill-intimata, huwa ċar illi hija abbandunat għal kollox din il-linja difenzjonali, u minflok, kemm il-Perit Magro u kif ukoll ix-xhud Rodianne Bonnici, impjegata bħala accounts clerk mal-intimata, saħqu li d-diskrepanza bejn is-somma li qiegħed jirriklama l-attur u dik li waslet għaliha intimata, hija riżultat tal-fatt illi l-attur, fir-rendikont tiegħu, żied dritt fuq kejl ta' xogħol ta' skavar u azzar li jkun tkejjel minn land surveyor jew mill-perit tal-intimata, u mhux minnu. L-attur jinsisti li huwa jkun kejjel ukoll ix-xogħol ta' skavar u azzar."(sottolinear ta' din il-Qorti)

31. Kif tajjeb ikkunisdrat l-Ewwel Qorti, l-ebda prova ma ġabet l-appellanti illi l-kontijiet maħruġa mill-appellat ma ġewx aċċettati u ċertifikati mill-klijenti tal-appellanti. Dak li din il-Qorti kkunsidrat fir-rigward tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta huwa applikabbli fis-sħiħ għat-talbiet rikonvenzjonali.

32. Biex jingħad kollox, din il-Qorti tagħmel referenza għar-regola ġenerali illi l-ħlas għandu jitqies li sar għad-dejn l-iżjed qadim, u fost id-djun li jkunu saru f'ġurnata waħda, u li ma jagħlqux fi żmien wieħed, jitqies bħala li sar għad-dejn li jagħlaq l-ewwel. (**Artikolu 1171 Kodiċi Ċivili**). L-ammont reklamat mill-atturi appellati jirreferi għall-aħħar kontijiet maħruġa lejn l-aħħar ta' perijodu ta' erbatax-il sena. Ma jirriżultax li l-appellanti qatt ħallset b'riżerva. Lanqas jirriżulta li xi ħlas ġie akkumpanjat b'direzzjoni sabiex jiġi impunjat lil xi kont fejn ma kienx inkluż l-azzar jew l-iskavar. Anzi l-appellanti qed tikkontendi illi l-kontijiet tal-appellat ilhom joħorġu ħażin sa mill-bidunett tant illi in sostenn tat-talba tagħha għar-rifużjoni marret lura għall-ewwel pagament minnha magħmul fit-18 ta'

Diċembru, 2000 meta ħallset lill-appellat is-somma ta' Lm2,000.[1] Fl-istess ħin fl-atti ma nsibu l-ebda prova dwar kif l-appellanti ikkomputat l-ammont li kellu suppost iġib fix-xejn l-ammont reklamat mill-appellati. Kull ma ressqet l-appellanti quddiem l-Ewwel Qorti kienet lista ta' ċifri mingħajr l-ebda spjegazzjoni dwar għal xiex jirreferu. Lanqas ma l-appellanti indenjat ruħha ssaqsi lil Perit Edward Magro dwarhom meta sejħitlu bħala xhud fis-seduta quddiem l-Ewwel Qorti fis-26 ta' Ottubru, 2017.[2]

33. Mis-sena 2000 sas-sena 2013 l-appellat ħareġ lill-appellanti disgħa u tletin (39) kont b'total ta' mitejn u wieħed u disgħin elf, tlett mija u wieħed u għoxrin ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€291,321.48). L-appellanti tammetti illi sal-lum ħallset mitejn u erbgħa u erbgħin elf, ħames mija u ħamsa u tmenin ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€244,585.85). Prova qawwija illi l-kontijiet li kien joħroġ l-appellat sabiex l-appellanti tgħaddihom lill-klijenti tagħha kienu jiġu kollha aċċettati. Il-bilanċ reklamat mill-appellati ta' €46,735.64 jissarraf fl-import tal-aħħar sitt (6) kontijiet minn total ta' disgħa u tletin (39) kont li skont l-appellat, u ammess mill-appellanti, dejjem inħadmu kif inħadmu l-aħħar kontijiet.

34. Il-*modus operandi* ta' bejn il-partijiet fuq medda ta' erbatax-il sena hu l-aqwa prova tal-ftehim li kien hemm bejniethom. Mhux kredibbli l-

[1] Ara Prospett Dok CF2 ippreżentat mill-konvenuta a fol. 22
[2] Fol. 136 *et. seq.*

asserzjoni tal-appellanti li kienet qed tħallas ammonti indebitament fuq medda ta' erbatax-il sena.

35. Fil-verità l-appellanti mkien ma tgħid fl-eċċezzjonijiet tagħha u fil-premessi tagħha għall-kontrotalba illi ma kinitx taf li qed tħallas lill-appellat fuq medda ta' erbatax-il sena għall-kontijiet tiegħu li kienu jirreferu wkoll għall-azzar u għall-iskavar. Tgħid biss illi l-kontijiet tal-appellat kienu skorretti għaliex mhux skont "il-liġi u l-uzanza tas-sengħa". Isegwi għalhekk illi sabiex id-difiża tagħha setgħat tiġi kkunsidrata favorevolment l-appellanti kellha ta' lanqas tidentifika liema liġi u liema "użanza tas-sengħa" inkisret mill-Appellant. Xejn minn dan ma nsibu in atti. Kunsiderazzjonijiet ulterjuri jkunu żejda u inutili.

36. Peress illi din il-Qorti qed issib li dan l-appell huwa manifestament fieragħ u vessatorju, qed takkolla fuq l-appellanti spejjeż doppji.

**37. Għaldaqstant tiċħad l-aggravji kollha tal-appellanti.**

**Decide**.

Għar-raġunijiet fuq mogħtija, din il-Qorti qiegħda,

**Tiċħad** dan l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Bl-ispejjeż** kontra s-soċjetà konvenuta appellanti.

**Peress** illi din il-Qorti qed issib l-appell imressaq mis-soċjetà konvenuta appellanti bħala fieragħ u vessatorju, wara li rat **Artikolu 223 (4)** tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tikkundanna lill-istess soċjetà konvenuta appellanti tħallas l-ispejjeż għal darbtejn.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da